MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1261/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**George Victor Xuereb.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta’ Novembru, 2002 li permezz tieghu l-bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta G. V. Xuereb Limited f’ diversi somom ta’ flus flimkien mas-somma ta’ miljun, u erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u

tletin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,024,637.86) (Dok “A1 sa A139”, “B1 sa B45”, “C1 sa C17”, “D1 sa D34”, “E1 sa E14”, “F1 sa F2”, “G1 sa G2”, u “H1 sa H16”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Otturbru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi permezz ta’ erba’ kuntratti datati 10 ta’ Novembru, 1978 (Dok “J”), 3 ta’ Settembru, 1979 (Dok “K”), 3 t’ Ottubru, 1980 (Dok “L”), u 3 ta’ Marzu 1994 (Dok “M”); kollha in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef u ghall-iskritturi privati datati 3 t’ Ottubru, 1980 (Dok “N”). 9 ta’ Mejju 1983 (Dok “O”), 22 t’ Ottubru, 1985 (Dok “P”), 26 ta’ Marzu 1986 (Dok “Q”), 24 t’ Ottubru 1986 (Dok “R”), u 11 ta’ Marzu 1999 (Dok “S”), il-konvenut George Victor Xuereb iggarantixxa flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ G.V. Xuereb Limited elenkati fil-prospetti (Dok “A1 sa A139”, “B1 sa B45”, “C1 sa C17”, “D1 sa D34”, “E1 sa E14”, “F1 sa F2”, “G1 sa G2”, u “H1 sa H16”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Otturbru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 10 ta’ Lulju, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “I”, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundanna lil George Victor Xuereb ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ miljun, u erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u tletin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,024,637.86) bilanc ghad-debitu f’ diversi “Loan u Overdraft Accounts” u facilitajiet bankarji ohra tas-socjeta’ G.V. Xuereb Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A139”, “B1 sa B45”, “C1 sa C17”, “D1 sa D34”, “E1 sa E14”, “F1 sa F2”, “G1 sa G2”, u “H1 sa H16”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Otturbru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament; u

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Lulju, 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra l-istess konvenut mis-socjeta’ attrici ghal bilanci ohra dovuti minnu lis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-P.L. Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas illi jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u kwindi baqa’ kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Marzu, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit.

Billi ghalhekk it-talba tal-Bank attur mhijiex kontradetta;

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-istess konvenut George Victor Xuereb jhallas lill-Bank attur, is-somma ta’ miljun, u erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u tletin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,024,637.86) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Otturbru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament; bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------